**-KONKORRENZA SLEALI -**

**- ART. 34 - KAP 13 -**

**- REKLAMAR KOMPARATTIV -**

**- ART. 47, 48, 49, 50, 55 TAL-KAP 378 -**

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Digriet tallum l-Erbgha 11 ta' April 2001

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 415/01/RCP fl-ismijiet:-**

**World Marketing Services Limited**

**vs**

**Crosscrafts Company Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Mandat ta' Inibizzjoni pprezentat fl-14 ta' Frar 2001 fejn l-istess socjeta' rikorrenti ppremetiet li hija ghandha ftehim ta' distribuzzjoni esklussiva mas-socjeta' Ronic Industries SA ta' Franza ghall-*food processors* elettro domestici *"Ronic" ,* waqt li s-socjeta' konvenuta tbiegh u tiddistribwixxi l-*food processors "Magimix",* u allura huma kompetituri diretti tal-istess socjeta' rikorennti, u li f'diversi fieri organizzati mit-Trade Fair Corporation, u senjatament waqt il-*"Home Fair"* tal-15 u 19 ta' Novembru 2000, *"Kitchen & Bath Fair"* organizzata fil-31 ta' Jannar u 4 ta' Frar 2001, u *"Christmas Fair"* organizzata fit-8 u 17 ta' Dicembru 2000, l-istess socjeta' intimata ghamlet uzu mill-istess *food processors* "*Ronic" U "Magimix"* sabiex isir paragun bejienthom, u l-istess sar fir-reklam fuq in-*Net Television* li jipparaguna l-kwalitajiet tal-*"Magimix"* mad-difetti ta' *food processor* li fir-reklam huwa anonima, izda li huwa facilment identifikabbli bhala *"Ronic",* u li dan jikkostitwixxi, apparti l-veracita' tal-istess notizzji ta' natura pubblicitarja, ksur lampanti tal-**artikolu 34 tal-Kap 13,** u ghalhekk talbet li *ai termini* tal-**artikolu 873 tal-Kap 12** l-istess socjeta' intimata tigi inibita milli:-

(1) ixxerred jew tippermetti li jixxerdu notizji taht kwalsiasi forma ta' reklamar jew informazzjoni ghall-konsumatur, li jkunu jikkoncernaw prodotti elettrodomestici tad-ditta *"Ronic",* sija billi jissemma l-isem tad-ditta *"Ronic"* u sija billi jigu esposti jew

murija lill-pubbliku prodotti elettrodomestici tad-ditta *"Ronic";*

(2) taghmel kwalsiasi uzu minn elettrodomestici tad-ditta *"Ronic"* ghal skopijiet ta' dimostrazzjoni ta', u/jew ta' reklamar ta', u/jew ta' paragun ma, prodotti elettrodomestici simili tad-ditta rivali *"Magimix".*

Rat id-digriet tal-Qorti tal-14 ta' Frar 2001 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta, laqghet it-talba provizorjament u rriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri.

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata pprezentata fil-15 ta' Frar 2001 fejn ecceppiet li hija ma hijiex qed ixxerred notizji foloz jew *misleading* izda hija qed tagixxi *ai termini* tal-**artikolu 49 (1) tal-Kap 378** fejn hija qed taghmel reklamar komparattiv li *"esplicitament jew b'implikazzjoni jiddentifika lil xi kompetitur jew lil xi oggett jew servizzi offruti mill-kompetitur,* u tali reklamar huwa permess mill-ligi *ai termini* tal-**artikolu 50 (1) tal-Kap 378,** li dan jista' jsir dment li:-

*(a) ma jkunx reklam qarrieqi skond l-artikolu 48 jew xort'ohra*

*(b) ikun jipparaguna oggetti jew servizzi li jkollhom l-istess htiega jew li jkunu mahsubin ghall-istess skop;*

*(c) ikun ipparaguna oggettivament xi wiehed jew aktar mill-karatteristici materjali, rilevanti, verifikabbli u rappresentanti ta' dawk l-oggetti u servizzi, liema karatteristici jistghu jinkludu prezz;*

*(d) ma jistax johloq konfuzzjoni fis-suq bejn minn jirreklama u l-kompetitur jew bejn trade marks, ismijiet kummercjali, marki distintivi ohra, oggetti jew servizzi ta' min jirreklama u dawk tal-kompetitur;*

*(e) ma jkunx inaqqas mill-kreditu jew imaqdar it-trade marks, ismijiet kummercjali, marki distintivi ohra, oggetti, servizzi, attivitajiet jew cirkostanzi ta' kompetitur;*

*(f) ghal prodotti b'tismija ta' origini, f'kull kaz ikun jirrigwarda prodotti bl-istess tismija;*

*(g) ma jistax jiehu vantagg mhux gust mir-riputazzjoni ta' xi trade mark, isem kummercjali jew marki distinitivi ohra ta' kompetitur jew tat-tismija ta' origini ta' prodotti kompettitivi; u*

*(h) ma jipprezentax oggetti jew servizzi bhala imitazzjoni jew replika ta' oggetti jew servizzi li jkollhom xi marka protetta jew isem kummercjali.*

Illi skond is-socjeta' intimata l-istess reklam, la darba ma huwiex jirreklama jew jipparaguna b'moq qarrieqi, la qed

johloq konfuzzjoni bejn il-prodotti rispettivi, la qed inaqqas mill-krettu jew imaqdar it-trade marks tas-socjeta' rikorrenti, dan jista' jsir *ai termini* tal-**Kap 378** ghaliex la darba l-veracita' tan-notizzji mhix indubbitata, reklamar komparattiv huwa permess mill-ligi, u ghalhekk huwa dan il-Mandat ta' Inibizzjoni li qed jikkawza danni lis-socjeta' intimata.

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti tas-16 ta' Frar 2001.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-16 ta' Frar 2001 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-26 ta' Frar 2001.

Rat il-verbal tas-26 ta' Frar 2001 fejn xehdet bil-gurament Sophie Taam. Dr Edward Debono ghall-intimati ddikjara li ghalkemm il-magna fir-riklam hija fil-fatt "Ronic" fl-istess riklami qatt ma ssemma' l-isem ta' "Ronic", u ddikjara wkoll li jaqbel dwar id-differenza tal-*bowls* kif imsemmija mix-xhud, kapacita`, li taghmel aktar hsejjes u l-ohra hija *silent*, u waqt li wahda ticcaqlaq u l-ohra hija statika, kif ukoll li wahda hija *fully automatic* waqt li l-ohra mhix. Dr Debono ghall-intimati ddikjara wkoll li din il-*comparison* saret ukoll fit-Trade Fair. Xehdet ukoll Nancy Buhagiar. Dr John Attard Montalto ghar-rikorrenti ddikjara li m'ghandux provi aktar. Xehed Clyde Farrugia Vella. Dr Edward Debono ghall-intimati ddikjara li m'ghandux provi aktar. Id-difensuri talbu li jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti ppreffiggiet terminu ta' 7 ijiem ghall-prezentata tan-noti ta' osservazzjonijiet. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti prezentata fit-2 ta' Marzu 2001.

Rat ir-risposta tas-socjeta` Crosscraft Company Limited pprezentata fid-9 ta' Marzu 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan huwa rikors ghal hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni *stante* li s-socjeta' rikorrenti qed tallega li fid-dimostrazjonijiet f'diversi fieri ndikati fir-rikors promotorju organizzati mit-*Trade Fairs Corporation*, u wkoll fuq reklam trasmess fuq in-*NET TELEVISION* sar reklam komparattiv bl-uzu tal-*food processor "Ronic"* distribwita u mibjugha lokalment mis-socjeta' rikorrenti, f'paragun mal-*food processor "Magimix"* fejn qed jinghad li l-istess uzu tal-istess magna u l-mod komparattiv li gie uzat jikser l-**artikolu 34 tal-Kap 13** u ghalhekk jikkostitwixxi konkorenza sleali.

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta li fl-istess reklam fuq it-televizzjoni gew komparati l-istess *food processors,* u *di piu'* intuza biss *food processor* wiehed oltre l-Magimix, u li ghalkemm l-istess *food processor* ma issemmhiex b'ismu,

u lanqas deher ismu fuq l-istess reklam, fl-opinjoni tal-istess Qorti ma hemm l-ebda dubju li tali apparat huwa facilment identifikabbli bhala *"Ronic"* anke minhabba l-ghamla distintiva tieghu, u *di piu'* jidher car mill-istess reklam, li komparat mal-*Magimix,* l-istess prodott qed jigi indikat bhala storbjuz, mhux awtomatiku, mhux prattiku *stante* li ghandu skutella wahda u mhux tlieta bhala *Magimix*, ghandu kapacita' inferjuri ghall-istess *Magimix*, u mhux stabbli.

Illi dan lanqas ma huwa qed jigi kkontestat mis-socjeta' intimata, kif jirrizulta anke mill-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti, anzi l-istess socjeta' intimata qed isostni li ghandha dritt taghmel dan it-tip ta' reklam u taghti dawn id-dettalji u paraguni ma' oggett ta' kompetitur *stante* li hija qed tghid fatti, ma hija qed taghmel xejn qarrieqi, u dan ir-reklamar komparattiv huwa permess mill-**artikolu 49 u 50 tal-Kap 378** li jipprevali fuq l-**artikolu 34 tal-Kap 13** invista tal-**artikolu 55 tal-Kap 378** li jistipula li :-

*"Il-provedimenti ta' din it-Taqsima ghandhom jipprevalixxu fuq kull haga li tmur kontrarju ghalih u li tinsab fil-Kodici Civili, fil-Kodici tal-Kummerc, u fl-Att dwar Deskrizzjoni Kummercjali".*

Illi taht dan l-aspett din il-Qorti fl-ewwel lok tirreferi ghall-**artikolu 34 tal-Kap 13** citat mis-socjeta' rikorrenti li jipprovdi li:-

*"Il-kummercjanti ma jistghux, ghall-skop ta' konkorrenza, ixerrdu notizji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrija jew kummerc ta' kummercjanti ohra".*

Illi skond is-sentenza **"Loug. Kur. George Curmi O.B.E. *vs* Spiridione L. Mizzi *nomine et"*** (K. (T.G) 18 ta' Ottubru 1997, gie rilevat li *"a propositu ta' din il-forma ta' konkorrenza, ghandu jigi notat, l-ewwelnett, li l-ligi ma tezigix li l-fatt danneggjati jkunu falzi; anki diffuzzjoni ta' fatti veri hija punita; mbaghad, il-ligi trid l-intenzjoni specifika fil-propalatur tan-notizja jew notizji, jigifijieri dak li jaghmel il-konkorrenza sleali, u l-apprezzament ta' dan l-element intenzjonali, li jista' jigi dezunt mill-kumpless ta' cirkostanzi, il-ligi necessarjament thallieh fl-arbitriju prudenzjali tal-gudikant".* **("Joseph Falzon *vs Neg.* Paolo Nani" -** K. (T.G.) 27 ta' Marzu 1953).

Illi tal-istes portata hija s-sentenza **"Louis M. Grech vs Charles Micallef"** ( A.C. 26 ta' Ottubru 1937) fejn gie ikkonfermat illi :-

*"Hemm konkorrenza sleali anki meta t-tmaqdir tal-prodott tal-konkorenza ssir minghajr ma jissemma l-isem tal-konkorrent, billu huwa bizzejjed illi l-espressjonijiet u l-atti jkunu tali li ma jhallhux dubju dwar il-persuna li dawk l-atti jew espressjonijiet iridu jolqtu … u li l-ligi ma taghtix il-fakolta' lil min ixandar dawn in-notizji li jipprova l-verita' tal-fatti".*

Illi aktar ricentament fis-sentenza **"Frank Scicluna *noe vs* Frank Cachia *noe*"** (K. J.H. 11 ta' Marzu 1987) gie affermat illi:-

*"Il-principju huwa li kwantu ghal notizji li jistghu jikkostitwixxu konkorrenza sleali, ma hemmx ghalfejn il-fatti diffuzi jew imxandra jkunu falzi. Fil-fatt anke notizzji veri difuzzi, huma bizzejjed biex dan l-agir jaqa' taht id-dispost ta' l-artikolu precitat".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li bil-promulgazzjoni tal-**Att Numru XXVI ta' l-2000,** illum **Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta** l-posizzjoni legali v*is-a-vis* l-**artikolu 37 tal-Kap 13** giet affetwata *stante* li *ai termini* ta' **l-artikolu 49 tal-Kap 378** reklamar komparattiv huwa permess, fis-sens li jista' f'reklam ikun hemm esplicitament jew b'implikazzjoni identifikar ta' xi kompetitur jew li xi oggett jew servizzi offruti minn kompetitur", b'dan li dan jista' jsir biss skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 50** tal-istess Kap li jipprovdi li:-

*(a) ma jkunx reklam qarrieqi skond l-artikolu 48 jew xort'ohra;*

*(b) ikun jipparaguna oggetti jew servizzi li jkollhom l-istess htiega jew li jkunu mahsubin ghall-istess skop;*

*(c) ikun ipparaguna oggettivament xi wiehed jew aktar mill-karatteristici materjali, rilevanti, verifikabbli u*

*rappresentanti ta' dawk l-oggetti u servizzi, liema karatteristici jistghu jinkludu prezz;*

(d) *ma jistax johloq konfuzzjoni fis-suq bejn min jirreklama u l-kompetitur jew bejn trade marks, ismijiet kummercjali, marki distintivi ohra, oggetti jew servizzi ta' min jirreklama u dawk tal-kompetitur;*

(e) *ma jkunx inaqqas mill-kreditu jew imaqdar it-trade marks, ismijiet kummercjali, marki distintivi ohra, oggetti, servizzi, attivitajiet jew cirkostanzi ta' kompetitur;*

(f) *ghal prodotti b'tismija ta' origini, f'kull kaz ikun jirrigwarda prodotti bl-istess tismija;*

(g) *ma jistax jiehu vantagg mhux gust mir-riputazzjoni ta' xi trade mark, isem kummercjali jew marki distinitivi ohra ta' kompetitur jew tat-tismija ta' origini ta' prodotti kompettitivi; u*

(h) *ma jipprezentax oggetti jew servizzi bhala imitazzjoni jew replika ta' oggetti jew servizzi li jkollhom xi marka protetta jew isem kummercjali.*

Illi tant huwa minnu dan, li skond l-**artikolu 55 tal-Kap 378,** dawn l-artikoli ghandhom jipprevalixxu *inter alia* anke fuq ir-regolamenti tal-Kodici tal-Kummerc.

Illi dan huwa l-iktar ovvju meta l-istess **artikolu 49** jsostni li tali reklamar ma ghandux ikun qarrieqi, *"b'mod li l-presentazzjoni tieghu, ikun qarraq … … bil-persuni li jkun indirizzat lejhom, u jekk minhabba fix-xorta tieghu li turi haga b'ohra, x'aktarx … … jaghmel hsara lil xi kompetitur … …".*

Illi mela fil-kuntest ta' dan l-ahhar Att, jekk il-fatti reklamati humiex veri jew le ghandha rilevanza determinati fl-isfond ta' reklamar komparattiv, b'mod li huwa biss misrappresentazzjoni tal-fatti li jikkawzaw reklam qarrieqi.

Illi pero' ghalkemm l-**artikolu 55** jipprovdi li dawn l-artikoli tal-**Kap 378** jipprevalixxu fuq il-Kodici tal-Kummerc, dan ma jfissirx li l-**artikolu 34 tal-Kap 13** ma huwiex iktar applikabbli, ghaliex il-**Kap 378** ghandu biss is-sopravent meta fil-Kodicijiet kollha hemm imsemmija haga li tmur u tipprovdi kontra dak li jipprovdi l-ahhar Att.

Illi fil-kuntest tal-konkorrenza sleali dejjem kien bazilari l-kuncett li sabiex jissussisti l-istess aggravju trid tezisti l-intenzjoni ta' min ikun xerred l-istess notizja li johloq konkorrenza sleali, b'mod li jikkawza dannu lill-kompetitur, u din l-intenzjoni hija dedotta mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u mhollija fl-arbitriju prudenzjali tal-gudikant ghaliex bhala tali hija kwistjoni ta' fatt.

Illi similiment fl-**artikolu 50** jinghad illi tali reklamar komparattiv huwa permessibbli biss jekk *inter alia "dan ma*

*jkunx inaqqas mill-kreditu jew imaqdar … ... oggetti … … ta' kompetitur".*

Illi abbazi tal-premess, mela hija l-opinjoni ta' din il-Qorti illi bir-restrizzjoni appena citata, ghalkemm ir-reklamar komparattiv huwa ammess, dan ma jistax issir permezz ta' tmaqdir tal-oggetti tal-kompetitur, u huwa wkoll ovvju, li tali tmaqdir ta' oggett ta' kompetitur jista' wkoll jikkostitwixxi fil-persuna li taghmel ir-reklam, jew propalatur tan-notizja, l-intenzjoni li jaghmel hsara lill-proprjetarju tal-istess oggetti jew kompetitur tieghu. F'dan il-kuntest ghalhekk ma hemm xejn fl-**artikolu 37 tal-Kap 13** li jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 50 tal-Kap 378,** u ghalhekk xorta l-istess disposizzjoni tal-**Kap 13,** u l-kuncett ta' konkorrenza sleali ghadu vigenti fil-ligi taghna u japplika ghall-kaz in kwistjoni. Illi ghalhekk l-asserzjoni tas-socjeta' intimata li skond hi *"bla dubju ta' xejn l-artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc ma ghadux japplika fejn ghandu x'jaqsam ir-reklamar komparativ"* ma hija xejn korretta, u lanqas tirraprezenta l-istat attwali tal-ligi.

Illi fl-opinjoni tal-Qorti, din ghalhekk hija asserzjoni zbaljata u kompletament gratwita, *stante* li bl-ebda mod il-kuncett ta' konkorrenza sleali ma gie abrogat jew imnehhi, kif qisha qed taghti l-impressjoni l-istess socjeta' intimata, izda li gara kien biss li r-reklamar komparattiv gie regolat bi provizzjonijiet precizi ta' kif dan jista' jsir bla ma thalli lil min jabbuza bl-istess mezz sabiex imaqdar il-prodotti ta' haddiehor, b'mod li jirreka dannu lill-istess kompetitur, u

tali regoli fil-fatt jikkonfermaw taht dan l-aspett, il-kuncett ta' konkorrenza sleali, li hija intiza biss sabiex ma thalliex kummercjanti juzaw mezzi llegali u denigatorji sabiex jaghmlu hsara lill-haddiehor, bl-iskop li huma jiehdu vantagg mill-istess.

Illi tant huwa minnu dan li skond "*Explanatory Memorandum to the Draft of 1991, COM (91) 147 final - SYN 343, Brussels, June 1991,* ibbazata fuq id-direttiva 84/450/EEC kif emendata, (li tipprovdi fl-artikolu 3 (a) 1. (e) li *comparative advertising, shall in so far as comparison is concerned, be permitted when the following conditions are met: (e) it does not discredit or denigrate the … … … goods … … of a competitor"),* tghid li tali reklam *"should not denigate competitors, which means that the advertiser must not cause discredit, disparagement or contempt of competitors of their trade marks … … ... goods, except for the unavoidable effects of its advertising action".* ("The Law of Comparative Advertising - Directive 97/55/EC in the United Kingdom and Germany - Angsar Ohly & Michael Spence - pg.174). Dan qed jinghad *stante* li l-ligi taghna hija ibbazata fuq id-direttiva 97/55/EC li emendat id-direttiva fuq indikata.

Illi applikat dan kollu ghall-fattispecie tal-kaz, ghalkemm din il-Qorti ghandha wkoll dubju dwar l-esattezza u veracita' tal-paraguni bejn iz-zewg prodotti mertu tar-rikors odjern, u oggett tad-dimostrazzjonijiet u reklami maghmula mis-socjeta' intimata, w apparti l-konsiderazzjoni fuq l-istess,

jirrizulta mill-provi prodotti u wkoll mill-*video* tar-reklam fuq l-istess televizzjoni esebit, li s-socjeta' intimata maqdret il-prodott mibjugh u distribwit lokalment mis-socjeta' rikorrenti konsistenti fil-*food processor "Ronic"*, li ghalkemm mhux imsemmi u muri b'ismu fl-istess reklam, huwa facilment identifikabbli bhala tali, u tali tmaqdir kien direttament immirat ghall-kapacita', stabilita', kontroll awtomatiku, kontenitturi, u funzjonijiet ohra tal-istess apparat, b'mod li mill-assjem tal-istess reklam kif prezentat, ma hemm l-ebda dubju kwalunkwe li l-intenzjoni tal-istess socjeta' intimata kienet sabiex taghmel hsara esplicita lill-istess prodott tas-socjeta' intimata, u tikkawza danni lill-istess socjeta' bit-tqassim u bejgh tal-istess prodott taghha, b'mod li tali reklam kien, fil-parti kbira tieghu, intenzjonat sabiex iccekken il-valur tal-istess prodott, u iktar sabiex jamplifika, dak li l-istess reklam jindika bhala *"difetti"* tal-istess *"food processor" "Ronic",* liema dimostrazzjonijiet u reklami gew maghmula b'mod ghal kollox zbilancjat, u certament la huma indipendenti u xejn oggettivi, u bhala tali, dan ghalhekk sar bi ksur kemm tal-**artikolu 50 (1) (e) tal-Kap 378 u tal-artikolu 34 tal-Kap 13,** u jikkostitwixxi konkorrenza sleali f'ghajnejn il-ligi.

Illi tali mod ghal kollox negattiv u dispregattiv li bih gie muri l-istess prodott tas-socjeta' rikorrenti huwa manifestat mir-ritratti esebiti bhala NET 1 sa NET 6 f'dan il-pocess, konsistenti fi *stills* mehuda mir-registrazzjoni tal-istess reklam imxandar fuq l-istazzjoni televisiv *NET*

*TELEVISION,* liema ritratti fihom infushom, jindikaw disprezz lejn l-istess prodott mertu tal-procedura odjerna.

Illi ovvjament dan apparti mill-veracita' *o meno* tal-istess allegazzjonijiet*, stante* li mill-mod kif huwa zbilancat l-istess reklam, wiehed certament ma jistax jikkummenta b'mod lejali dwar il-mertu jew nuqqas ta' mertu tal-istess prodotti, *stante* li ma hemm l-ebda test oggettiv u indipendenti li gie adoperat, sabiex il-konsumatur, li ghall-protezzjoni tieghu gie promulgat ukoll l-**Att XXVI tal-2000,** ikun jista' liberalment jaghzel bejn prodott u iehor.

Illi ghalhekk f'dan il-kuntest l-asserzjoni fir-risposta tas-socjeta' intimata, li tali *reklamar "ma nnaqqasx mill-krettu jew imaqdar it-trademarks tas-socjeta' rikorrenti",* ma hux korrett u lanqas il-punt dibattut, *stante* li in verita' l-istess reklam inaqqas u jmaqdar l-oggett ta' kompetitur bi vjolazzjoni tal-artikoli fuq citati.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess, it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu milqugha.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tas-socjeta' intimata, **tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti fir-rikors taghha tal-14 ta' Frar 2001** u **tordna l-hrug ta' Mandat**

**ta' Inibizzjoni Numru 415/2001/RCP** fl-ismijiet premessi, b'dan illi jzomm u tinibixxi lis-socjeta' intimata milli:-

(1) ixxerred jew tippermetti li jixxerdu notizji taht kwalsiasi forma ta' reklamar jew informazzjoni ghall-konsumatur, li jkunu jikkoncernaw prodotti elettrodomestici tad-ditta *"Ronic",* sija billi jissemma l-isem tad-ditta *"Ronic"* u sija billi jigu esposti jew murija lill-pubbliku prodotti elettrodomestici tad-ditta *"Ronic";*

(2) taghmel kwalsiasi uzu minn elettrodomestici tad-ditta *"Ronic"* ghal skopijiet ta' dimostrazzjoni ta', u/jew ta' reklamar ta', u/jew ta' paragun ma, prodotti elettrodomestici simili tad-ditta rivali *"Magimix".*

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' intimata.

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**11 ta' April 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**11 ta' April 2001.**